

IR-REPUBBLIKA TA' FRANZA

Il-Ministeru għas-Saħħa u l-Aċċess għall-
Kura tas-Saħħa

Digriet Nru ... ta' ...

dwar il-projbizzjoni ta' prodotti għall-użu orali li fihom in-nikotina

NOR: MSAP2430826D

Udjenzi fil-mira: manifatturi, importaturi, distributuri, u bejjiegħa bl-immnut ta' prodotti li fihom in-nikotina, utenti.

Suġġett: l-implimentazzjoni tal-projbizzjoni fuq prodotti għall-użu orali li fihom in-nikotina, bl-eċċezzjoni ta' prodotti mediċinali u apparat mediku.

Dħul fis-seħħ: it-test għandu jidhrol fis-seħħ sitt xhur wara l-pubblikazzjoni tiegħu.

Avviż: Minħabba l-periklu tagħha għas-saħħa tal-bniedem, in-nikotina hija kklassifikata skont l-Artikolu L. 5132-1 tal-Kodiċi tas-Saħħa Pubblika bħala sustanza velenuża u tista' tintuża jew tiġi kkummerċjalizzata biss taħt ċerti kundizzjonijiet, bħal prodotti li diġà huma rregolati (prodotti tat-tabakk, prodotti tal-vaping u prodotti tas-saħħa). L-Artikolu L. 5132-8 tal-istess Kodiċi jawtorizza l-projbizzjoni ta' kwalunkwe operazzjoni relatata ma' sustanzi velenużi permezz ta' digriet tal-Kunsill tal-Istat. Dan id-Digriet jiddefinixxi l-prodotti għall-użu orali li fihom in-nikotina, b'mod partikolari fil-forma ta' boroż żgħar jew boroż porużi, pejst, żibeġ, likwidi, chewing gum, pastilji, strixxi jew kwalunkwe taħlita ta' dawn il-forom, li huma soġġetti għall-projbizzjoni, u jispeċifika l-kundizzjonijiet li taħthom dawn il-prodotti huma pprojbiti. Huwa jipprevedi wkoll derogi minn din il-projbizzjoni. Il-ksur ta' din il-projbizzjoni għandu jiġi investigat u aċċertat mill-uffiċjali li jaħdmu fil-qasam tal-kompetizzjoni, tal-affarijiet tal-konsumatur u tal-prevenzjoni tal-frodi, mill-uffiċjali tad-dwana, u mill-uffiċjali tad-Direttorat Ġenerali għall-Finanzi Pubbliċi, abbażi tal-Artikolu L. 5414-3 tal-Kodiċi tas-Saħħa Pubblika. Is-sanzjonijiet applikabbli f'każ ta' nuqqas ta' konformità ma' din il-projbizzjoni huma dawk previsti fil-Kapitolu II tat-Titolu III tal-Ktieb IV tal-Ħames Parti tal-istess Kodiċi.

Referenzi: id-Digriet jinsab fuq is-sit web ta' Légifrance (<https://www.legifrance.gouv.fr>).

Il-Prim Ministru,

Ir-rapport tal-Ministru għas-Saħħa u l-Aċċess għall-Kura tas-Saħħa;

Wara li kkunsidra r-Regolament (KE) Nru 396/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Frar 2005 dwar il-livelli massimi ta' residwu ta' pestiċidi fi jew fuq ikel u għalf li joriġina minn pjanti u annimali u jemenda d-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE, kif emendat.

Wara li kkunsidra r-Regolament (KE) Nru 178/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Jannar 2002 li jistabilixxi l-prinċipji ġenerali u l-ħtiġijiet tal-liġi dwar l-ikel, li jistabilixxi l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel u jistabbilixxi l-proċeduri fi kwistjonijiet ta' sigurtà tal-ikel, kif emendat;

Wara li kkunsidra d-Direttiva (UE) 2015/1535 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Settembru 2015 li tistabbilixxi proċedura għall-għoti ta' informazzjoni fil-qasam tar-regolamenti tekniċi u r-regoli dwar is-servizzi tas-Soċjetà tal-Informatika;

Wara li kkunsidra l-Kodiċi tas-Saħħa Pubblika, b'mod partikolari l-Artikoli L. 5132-1, L. 5132-7 u L. 5132-8 tiegħu;

Wara li kkunsidra n-notifika Nru XXXX/XXX/FR ta' XX XX XX indirizzata lill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li sema' t-taqsima soċjali tal-Kunsill tal-Istat,

B'dan jordna:

Artikolu 1

It-Taqsima II tal-Kapitolu II tat-Titolu III tal-Ktieb I tal-Ħames Parti tal-Kodiċi tas-Saħħa Pubblika huwa ssupplimentat b'subtaqsima bil-formulazzjoni li ġejja:

“Subtaqsima 6

“Prodotti li fihom sustanzi tossiċi

Artikolu R. 5132-96-1. – I. – Il-produzzjoni, il-manifattura, it-trasport, l-importazzjoni, l-esportazzjoni, il-pussess, l-offerta, it-trasferiment, ix-xiri, id-distribuzzjoni, u l-użu ta' prodotti għall-użu orali li fihom in-nikotina għandhom ikunu pprojbiti fit-territorju nazzjonali.

“II. – Il-prodotti għall-użu orali li fihom in-nikotina huma kollha prodotti manifatturati li jikkonsistu kompletament jew parzjalment minn nikotina sintetika jew naturali, imballati għall-bejgħ, irrispettivament mill-preżentazzjoni tagħhom, u maħsuba għall-konsum mill-bniedem permezz ta' inġestjoni jew assorbiment.

“III. – Din il-projbizzjoni ma tapplikax għal:

1° Tabakk tal-magħda msemmi fl-Artikolu L. 3512-13

2° Prodotti mediċinali fis-sens tal-Artikoli L. 5111-1 u L. 5121-1-1, apparati mediċi fis-sens tal-Artikoli L. 5211-1 u L. 5221-1, u materja prima għall-użu farmaċewtiku kif iddefinita fl-Artikolu L. 5138-2;

3° Oġġetti tal-ikel fis-sens tar-Regolament (KE) Nru 178/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li fihom in-nikotina b'mod naturali jew li jikkonformaw mar-Regolament (KE) Nru 396/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Frar 2005 dwar il-livelli massimi ta' residwu ta' pestiċidi fi jew fuq ikel u għalf li joriġina minn pjanti u annimali u jemenda d-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE.

“Artikolu R. 5132-96-2. – Derogi mill-projbizzjoni stabbilita fl-Artikolu R. 5132-96-1 jistgħu jingħataw għal finijiet ta’ riċerka b’ordni tal-Ministru responsabbli għas-Saħħa.

“It-termini u l-kundizzjonijiet ta’ dawn id-derogi għandhom jiġu speċifikati b’ordni tal-Ministru responsabbli għas-Saħħa u tal-Ministru responsabbli għar-Riċerka.”

Artikolu 2

It-titolu tas-Subtaqsima 2 huwa sostitwit b’dan li ġej:

*“Subtaqsima 2
“Sustanzi u preparazzjonijiet għajr dawk imsemmija fit-Taqsima I u s-Subtaqsimiet 3, 4, 5
u 6”*

Artikolu 3

Il-Kapitolu I tat-Titolu II tal-Ktieb V tal-Parti Ħamsa tal-Kodiċi tas-Saħħa Pubblika huwa ssupplimentat bid-dispożizzjonijiet li ġejjin:

“*Artikolu R. 5521-3.* – L-Artikoli R. 5132-96-1 u R. 5132-96-2 għandhom japplikaw għal Wallis u Futuna fil-formulazzjoni tagħhom li tirriżulta mid-Digriet Nru ta’ .”

Artikolu 4

Dan id-Digriet għandu jidħol fis-seħħ sitt xhur wara l-pubblikazzjoni tiegħu.

Artikolu 5

Il-Ministru għas-Saħħa u l-Aċċess għall-Kura tas-Saħħa, il-Ministru għall-Edukazzjoni Għolja u r-Riċerka, u l-Ministru fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru, responsabbli għat-Territorji Extra-Ewropej, għandhom ikunu responsabbli, kull wieħed f’dak li jikkonċerna lilu, għall-implimentazzjoni ta’ dan id-Digriet, li għandu jiġi ppubblikat fil-*Ġurnal Uffiċjali* tar-Repubblika Franċiża.

Magħmul fi:

Mill-Prim Ministru:

Il-Ministru għas-Saħħa u l-Aċċess għall-Kura tas-Saħħa

Il-Ministru delegat tal-Prim Ministru,
responsabbli għat-Territorji Extra-
Ewropej

Il-Ministru għall-Edukazzjoni

Għolja u r-Riċerka